

**Appell ippreżentat fit-18 ta' Frar 2022 minn Foundation for the Protection of the Traditional Cheese of Cyprus named Halloumi mis-sentenza mogħiġa mill-Qorti Ġeneral (It-Tieni Awla fit-8 ta' Diċembru 2021 fil-Kawża T-595/19, Foundation for the Protection of the Traditional Cheese of Cyprus named Halloumi vs EUIPO – Fontana Food (GRILLOUMI BURGER)**

(**Kawża C-121/22 P**)

(2022/C 294/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### **Partijiet**

**Appellant:** Foundation for the Protection of the Traditional Cheese of Cyprus named Halloumi (rappreżentanti: V. Marsland, Solicitor, u C. Milbradt, Rechtsanwältin)

**Partijiet oħra fil-proċedura:** L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), Fontana Food AB

Permezz ta' digriet tal-15 ta' Ġunju 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma kienx ammess u li l-Foundation for the Protection of the Traditional Cheese of Cyprus named Halloumi għandha tbat i-l-ispejjeż tagħha stess.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy dla Warszawy – Śródmieścia w Warszawie (il-Polonja) fil-25 ta' Frar 2022 – AM, PM vs mBank S.A.**

(**Kawża C-139/22**)

(2022/C 294/18)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

### **Qorti tar-rinviju**

Sąd Rejonowy dla Warszawy – Śródmieścia w Warszawie

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: AM, PM

Konvenut: mBank S.A.

### **Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 3(1), l-Artikolu 7(1) u (2) u l-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April dwar klawżoli inġusti f-kuntratti mal-konsumatur ('), kif ukoll il-prinċipju ta' effettivitā, għandhom jiġi interpretati fis-sens li sabiex klawżola kuntrattwali li ma ġietx individwalment miftiehma titqies li hija klawżola kuntrattwali inġusta hija suffiċċenti l-konstatazzjoni li l-kontenut ta' din il-kawżola kuntrattwali tikkorrispondi għall-kontenut ta' dispożizzjoni ta' kuntratt standard imniżżeż fir-reġistru ta' klawżoli illecći?
- 2) L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi interpretazzjoni ġudizzjarja ta' dispożizzjoni nazzjonali li skonta klawżola kuntrattwali inġusta titlef in-natura inġusta tagħha jekk il-konsumatur ikun jista' jiddeċiedi li jezigwixxi l-obbligi tiegħu li jirriżultaw mill-kuntratt fuq il-bażi ta' klawżola kuntrattwali oħra li hija ġusta?
- 3) L-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/13 għandhom jiġi interpretati fis-sens li bejjiegħ jew fornitur għandu obbligu li jinforma lil kull konsumatur dwar il-karakteristiċi essenzjali tal-kuntratt u dwar ir-riskji marbuta mal-kuntratt anki jekk konsumatur speċifiku jkollu għarfien xieraq fil-qasam speċifiku?